

## DEĊIŻONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2009

**li ma taċċettax is-soluzzjoni proposta mill-Awstria taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 rigward il-kalkolu ta' kumpens tal-bażi tar-riżorsi propriji tal-VAT b'riżultat tar-restrizzjoni tad-dritt li titnaqqas il-VAT skont l-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 10428)*

**(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

*(2010/8/UE, Euratom)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arraġamenti uniformi definitivi għall-ġbir ta' riżorsi propriji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar Riżorsi Propriji,

Billi:

(1) Il-kumpens għall-bażi tar-riżorsi tal-VAT hu bbażat fuq l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89, li jipprovi li fejn Stat Membru jirrestrinġi jew jeskludi, fuq il-bażi tal-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 fuq is-sistema tal-Kummissjoni dwar it-taxxa tal-valur miżjud<sup>(2)</sup>, id-dritt li titnaqqas l-input VAT, imbagħad il-bażi tar-riżorsi propriji tal-VAT jista' jiġi ddeterminat daqs li kieku d-dritt tat-tnejx ma' ġiex restritt. Dan jaġplika biss fir-rigward tax-xiri ta' karozzi tal-passiġġieri u l-fjuwil li jintuża għal skop ta' negozju, u fuq in-nefqa li ssir fir-rigward tal-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' karozzi bħal dawn. L-Awstria pproponiet abbozz ta' soluzzjoni multiparti għal tali kumpens għall-bażi tagħha tar-riżorsi propriji tal-VAT, li tinkludi metodu ta' sitt sub kategoriji.

(2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89, is-soluzzjoni proposta mill-Awstria kienet eżaminata fl-intier tagħha mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Propriji waqt il-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2009. L-eżaminazzjoni żvelat differenza ta' opinjoni fil-Kumitat rigward waħda mis-subkategoriji tas-soluzzjoni. Is-sub kategorija tikkonċerha l-metodoloġija proposta għall-kalkolu tal-komponenti tal-użu privat tal-kumpens għall-bażi armonizzata tar-riżorsi propriji tal-

VAT. L-Abbozz tad-Deċiżjoni li m'aċċettatx dik is-subkategorija tas-soluzzjoni ppresentata mill-Awstria għet ippreżentata lill-Kumjitàt Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Propriji li ħareġ b'opinjoni pożittiva fl-10 ta' Diċembru 2009.

(3) Meta jiġi kkalkulat l-użu privat, fin-nuqqas ta' dejta attwali, jistgħu jintużaw metodi alternativi. Biex jiġi għarantit li dawn il-metodi jikkontribwx Xu għal uniformità fil-kalkolu tal-kumpens huma għandhom ikunu bbażati fuq assunzjonijiet ġeneralment aċċettati.

(4) L-Awstria tirrikjedi persuni taxxabbli li jamministrax dejta attwali dwar l-użu privat tal-karozzi tan-negożju. Madankollu, għal raġunijiet ta' sempliċità amministrattiva, l-Awstria pproponiet soluzzjoni għall-kalkolu ta' użu privat li jinkorpora dejta statistika ġenerali flimkien ma' regoli ta' deprezzament imfassla għal skopijiet ta' taxxi fuq l-introjtu mhux armonizzati korporattivi. Peress li s-soluzzjoni proposta tirriżulta ffattur ta' użu privat notevolment aktar baxx mill-proporzjoni użat minn Stati Membri oħra, tkun fkontraddizzjoni għall-uniformità rikjesta fil-kalkolu tal-kumpens. Għalhekk is-soluzzjoni proposta mill-Awstria dwar il-kalkolu tal-proporzjon tal-użu privat tal-karozzi akkwistati minn ħtiġjiet ta' negozju għandha tiġi miċħuda.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-soluzzjoni proposta mill-Awstria dwar il-kalkolu tal-proporzjon tal-użu privat tal-karozzi akkwistati minn ħtiġjiet ta' negozju qiegħda tiġi miċħuda.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstria.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

*Algirdas ŠEMETA*

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.